MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 127/2013

**A B**

**vs**

1. **C B f'isimha proprju u bhala kuratrici tal-minuri S B K**
2. **Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tat-23 ta' Jannar 2014 gie kjamat fil-kawza I G**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi r-rikorrent izzewweg lill-intimata C B fit-tieni (2) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlieta (2003).
2. Illi r-rikorrent ilu *de facto* separat minn mal-intimata sa minn circa Frar tas-sena elfejn u tnax (2012), u f'dan iz-zmien hu qatt ma kellu relazzjonijiet sesswali mal-intimata C B.
3. Illi r-rikorrenti ghadu kif sar jaf f'dawn l-ahhar gimghat li l-intimata kellha tarbija minn certu I G.
4. Illi kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid anness u markat bhala Dokument A, dan il-minuri twieled fit-13 ta' Dicembru 2012, u hu tas-sess maskili u jismu S B K.
5. Illi peress li l-partijiet ghadhom m'humiex legalment separati, r-rikorrent gie imnizzel bhala missier il-minuri fic-certifikat tat-twelid.
6. Illi r-rikorrent ma jridx illi jibqa` jidher li hu missier il-minuri S B K fuq ic-certifikat tat-twelid meta ma hux fil-fatt missieru, u ghaldaqstant billi jrid jichad milli jaghraf lill-minuri S B K bhala ibnu naturali, kellha ssir din il-kawza.

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-minuri S B K ma hux il-wild naturali tar-rikorrenti u li r-rikorrent m'huwiex il-missier naturali tal-istess minuri.
2. Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmi minuri S B K, mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier il-kliem 'Charlo B', in-numru tal-karta tal-identita` tar-rikorrent, il-professjoni jew sengha tar-rikorrent, l-eta`, il-post tat-twelid u residenza tar-rikorrent kif ukoll isem u kunjom missier ir-rikorrent, u jekk l-imsemmi missier huwiex haj jew mejjet, u tordna kull modifika ohra in vista tal-ewwel talba u jekk mehtieg, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.
3. Tordna skond dak li jipprovdi t-tieni proviso tal-artikolu 73 tal-Kap 16, li l-kunjom tal-minuri ma jibqax jaqra "B".

Bl-ispejjez kontra l-intimata C B li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li in forza taghha huwa eccepixxa :

1. Illi in vena preliminari huwa essenzjali ghall-integrita` tal-gudizzju li I G jkun imsejjah fil-kawza galadarba f'din l-istanza qed jinghad mill-attur illi l-minuri S B K huwa wild tal-imsemmi I G;
2. Illi preliminarjament trattasi minn kawza ta' denegata paternita` r-rikorrenti jehtieglu jipprova u jissodisfa tal-inqas wahda mic-cirkostanzi komminati fl-**Artikolu 70(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**
3. Illi salv il-premess, mill-bqija ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.
4. Illi subordinatament f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna li jigu mnehhija l-kelmiet *"the said"* li jinsabu qabel isem Charlo B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid numru 6077/2012.
5. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggetat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;
6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-nota tal-konvenuta C B li biha tikkonferma li hija taqbel mat-talba tal-attur, li l-minuri S B K, imwieled fit-13 ta' Dicembru 2012, ma huwiex il-wild naturali tal-attur Charlo B.

Rat in-nota tal-konvenut I G li biha jikkonferma li huwa jaqbel mat-talba tal-attur, li l-minuri S B K, imwieled fit-13 ta’ Dicembru 2012, ma huwiex il-wild naturali tal-attur Charlo B u jikkonferma li l-istess minuri huwa l-wild naturali tieghu.

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew ezebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita’ ta’ S B K *stante* li l-attur jikkontendi li minkejja li c-certifikat tat-twelid tal-istess minuri jindikah bhala l-missier naturali tieghu, l-istess minuri m’huwiex ibnu naturali. Ghalhekk permezz ta’ din il-kawza qieghed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li m’huwiex il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri.

Min-naha taghha, l-intimata C B tiddikjara li huwa minnu li l-minuri m’huwiex il-wild naturali tar-rikorrent u ghalhekk taqbel mat-talbiet hekk kif dedotti minnu.

L-istess irid jinghad dwar I G li gie kjamat fil-kawza li min-naha tieghu jikkonferma li l-minuri huwa l-wild naturali u li konsegwentement hemm lok ghal bdil fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri.

Min-naha tieghu, id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma jressaq ebda eccezzjoni ta' natura legali, ad eccezzjoni tal-bzonn li jigi kjamat fil-kawza I G, liema eccezzjoni giet sorvolata permezz tal-istess kjamat fil-kawza permezz ta' digriet datat it-23 ta' Jannar 2014[1]. *Del resto* ma jressaq ebda eccezzjonijiet ohra ta' natura preliminari u konsegwentement, kollox idur fuq il-mertu tal-kaz odjern u jekk ir-rikorrent irnexxilux jipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-minuri m'huwiex il-wild naturali tieghu u konsegwentement jipprova li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali emanenti mill-ligi u li ghall-anqas wahda mic-cirkustanzi komminati f'Artikolu 70(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet pruvata.

## **Il-Mertu tal-Kaz**

Ir-rikorrent jiddikjara li minkejja li l-minuri S B K li twieled nhar it-13 ta' Dicembru 2012[2] huwa dikjarat li huwa ibnu, mid-dikjarazzjonijiet tal-intimati C B u I G jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet li l-istess minuri m'huwiex il-wild naturali tar-rikorrent.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri S B K m'huwiex il-wild naturali tar-rikorrent;

---

[1] Ara a fol 24 tal-process

[2] Ara a fol 3 tal-process

(2) Tilqa’ t-tieni talba u tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta’ S B K b’dan illi l-konnotati tar-rikorrent Charlo’ B jigu mhassra minn fuq l-istess certifikat u jigu sostitwiti bil-konnotati ta’ I G li ghandu l-karta tal-identita’ numru 549074M;
(3) Tilqa’ t-tielet talba.

Il-Qorti tordna ukoll illi jigu mnehhija l-kliem *“the said”* li jinsabu qabel isem Charlo B, taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm, mill-Att tat-Twelid numru 6077/2012.

Bl-ispejjez kontra l-intimata C B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------